**Ministeru għall-Intern, is-Sigurta` u x-Xoghol**

**Pożizzjoni ta’ Kuntisabbli ta' Riserva fid-Dipartiment tal-Pulizija fil-Ministeru għall-Intern, is-Sigurta` u x-Xogħol**

*Nomenklaturi li jindikaw il-maskil jinkludu wkoll il-femminil.*

1. Il-Kummissarju tal-Pulizija, Ministeru għall-Intern, is-Sigurta`u x-Xogħol jilqa’ applikazzjonijiet għall-pożizzjoni ta’ Kuntistabbli ta' Riserva (RPC) fil-Ministeru għall-Intern, is-Sigurta` u x-Xogħol.

**Tul tal-assignment u kundizzjonijiet**

2.1 Persuna magħżula jidħol f’assignment ta’ sentejn (2) bħala Kuntistabbli ta' Reserva fil-Dipartiment tal-Pulizija, li jista' jiġi mġedded skond il-performance sodisfaċenti tal-persuna. L-ebda tiġdid ma jista' jsir meta l-persuna taghlaq is-sebgħin (70) sena.

2.2 Il-pożizzjoni ta’ Kuntistabbli ta' Riserva hija suġġetta għal perjodu ta’ probation/prova ta’ sitt (6) xhur.

2.3 Il-Kuntistabbli ta' Riserva huwa obbligat li jaħdem minimu ta' tletin (30) siegħa fil-ġimgħa skond l-eżiġenzi tad-Dipartiment tal-Pulizija.

2.4 Il-leave annwali huwa suġġett għal pro-rata skond is-siegħat maħduma fil-ġimgħa.

2.5 Peress li din hi pożizzjoni de jure, temporanja (u hekk tibqa'), il-pożizzjoni ta’ Kuntistabbli ta' Riserva tikkostitwixxi raguni oġġettiva li taqa’ taħt Regolament 7 (4) tal-Liġi Sussidjarja 452.81 intitolat u għaldaqstant dan jikkostitwixxi raġuni oġġettiva skont ir- “Regolamenti dwar Kuntratti ta’ Servizz għal Żmien Fiss”.

2.6 Il-Kummissjoni għas-Servizz Pubbliku jista' jittermina kull ħin il-kuntratt ta' Kuntistabbli ta' Riserva fuq bażi ta' performance mhux sodisfaċenti jew ċirkostanzi oħra.

2.7 Il-kandidati magħżula għandhom ikunu ta’ kondotta xierqa għall-post/pożizzjoni li għalih saret l-applikazzjoni. Dawk li japplikaw minn barra s-Servizz Pubbliku għandom jipproduċu Ċertifikat tal-Kondotta maħruġ mill-Uffiċċju tar-Rekords Kriminali jew awtorità kompetenti oħra mhux aktar minn sitt (6) xhur qabel id-data tal-għeluq ta’ din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, li għandu jiġi sottomess mill-persuna magħżula fi żmien ġimgħa (1) mid-data tan-notifika tal-ħatra.

L-applikanti jkunu soġġetti għal security clearance matul il-proċess kollu tar-reklutaġġ.

2.8 Fir-rigward tar-rekwiżiti li joħorġu mid-Direttiva 16, dwar il-‘Qafas Governattiv għall-Prevenzjoni u l-Ġestjoni ta’ Kunflitti ta’ Interess fl-Amministrazzjoni Pubblika’, maħruġ mis-Segretarju Permanenti Ewlieni fis-27 ta’ Novembru 2023 u li daħal fi-seħħ fl-1 ta’ Frar 2024, il-Bord tal-Għażla se jivvaluta l-impjiegi preċedenti tal-kandidati biex jevalwa l-kunflitti ta’ interess potenzjali. F’dan ir-rigward, il-kandidati għandhom jipprovdu CV kompletament aġġornat, inkluż il-kwalifiki u l-istorja tal-impjieg mal-applikazzjoni tagħhom. Kwalunkwe kwistjoni ta’ kunflitt ta’ interess potenzjali nnutata għandha tiġi rrappurtata lis-Segretarju Permanenti rispettiv biex jiġi żgurat li, jekk il-kandidat jiġi reklutat, tali kunflitti ta’ interess ikunu mmaniġġjati b’mod xieraq.

Barra minn hekk, il-kandidati magħżula għandhom jirrappurtaw kwalunke kunflitt ta’ interess magħruf, attwali, potenzjali jew apparenti qabel ma jaċċettaw ħatra, permezz tad-Dikjarazzjoni preskritta disponibbli fl-Appendiċi 1 tad-Direttiva 16 (disponibbli hawn).

**Salarju marbut mal-pozizzjoni**

3.1 Is-salarju marbut mal-pozizzjoni ta’ Kuntistabbli ta' Riserva huwa ekwivalenti għall-massimu ta’ Skala ta’ Salarju 11 (ekwivalenti għal € 26,290.00 fl-2025), jiġifieri €12.63 għal kull siegħa xogħol.

3.2 Kuntistabbli ta' Riserva jibbenifika wkoll, fuq bażi pro-rata, minn allowances li joħorġu mill-ftehim settorjali rispettiv.

3.3 Is-salarju għall-Kuntistabbi ta' Riserva prospettiv matul iż-żmien ta' taħriġ huwa pro-rata għas-salarju minimu fi skala 16, li għas-sena 2025 huwa €16,915.00 fis-sena.

**Dmirijiet**

4. Id-dmirijiet għal din il-pożizzjoni ta' Kuntistabbli ta' Riserva jinsabu fl-**Anness A** mehmuż ma' din iċ-Ċirkolari.

**Rekwiżiti tal-Eliġibbilita'**

5.1 Sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, l-applikanti għandhom ikunu:

i. ċittadini ta' Malta;
ii. ma jkollhomx aktar min ħamsa u sittin (65) sena sal-31ta' Diċembru 2025;
iii. kapaċi jikkomuikaw bil-Lingwi tal-Malti u l-Ingliż sabiex jwettqu b'mod suffiċjenti u adegwat id-dmirijiet li għalihom saret l-applikazzjoni;
iv. ikunu iservu bħala sworn officers, jew kienu servew fil-Forzi Dixxiplinati (i.e. Korp tal-Pulizija, Forzi Armati ta' Malta, Dipartiment tal-Protezzjoni Ċivili jew l-Aġenzija għas-Servizzi Korrettivi) bħala sworn officers għal mhux inqas minn għaxar (10) snin u li jkunu spiċċaw b'mod onorabbli (mhux medically boarded out);
v. ikunu medikament f'saħħithom fl-aspetti kollha, fiżikament u mentalment, skont l-istandards mediċi ta' saħħa fil-Korp biex ikun jista' jwettaq id-dmirijiet kollha tal-Pulizija.

5.2 L-Applikanti jridu jkunu rtitati mall-Forzi Dixxiplinati qabel ma jibdew it-taħriġ. L-appikant ikun meħtieġ li jipproduċi dokumentazzjoni attestata ta' rtirar mill-Korp Dixxiplinat.

5.3 Il-kandidati magħzula jridu jkunu eliġibbli għall-ħatra f'din il-pożizzjoni, skont 5.1 u 5.2 hawn fuq, mhux biss sad-data w il-ħin tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, iżda wkoll fid-data tal-ħatra.

**Sottomissjoni ta' Dokumentazzjoni**

6.1 Il-kwalifiki u l-esperjenza li l-persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati/traskrizzjonijiet u/jew dokumenti, li kopja tagħhom għandha tkun skennjata u mibgħuta permezz tar-Recruitment Portal fuq https://recruitment.gov.mt.

6.2. Id-dokumenti oriġinali għandhom, mingħajr eċċezzjoni, jintwerew waqt l-intervista.

**Proċeduri tal-Għażla**

**7 L-EWWEL PARTI - EŻAMI MEDIKU PRELIMINARI / TEST TA' EFFIĊJENZA FIŻIKA**

7.1 L-Applikanti jiġu l-ewwel nett eżaminati medikament, u dawk il-kandidati biss li jgħaddu mill-Ezami Mediku Preliminari ikunu diretti għat-Test ta' Effiċjenza Fiżika.

7.2 It-Test ta' Effiċjenza Fiżika għandu jsir taħt bord tal-għażla maħtur mill-Kummissarju tal-Pulizija, biex jiġi żgurat li l-applikanti jkunu f'saħħithom skond l-istandards tal-Korp tal-Pulizija skond kif hemm mehmuż ma din iċ-Ċirkolari bħala **Anness B**.

7.3 Il-kandidati li ma jgħaddux minn dan it-test jistgħu jerġgħu joqgħodu għal test ieħor fi żmien gimgħa (1).

7.4 Huma dawk il-kandidati biss li jgħaddu mit-Test ta' Effiċjenza Fiżika li jipproċedu ghall-Intervista tal-Għażla.

**8. IT-TIENI PARTI - INTERVISTA TAL-GĦAŻLA**

8.1 Il-kandidati eliġibbli jiġu magħrbula minn Bord l-Ġhażla sabiex tiġi determinata l-ħila tagħhom għall-pożizzjoni. L-intervista tal-għażla hija maħsuba sabiex ikunu magħrufa dawk il-kwalitajiet personali tal-kandidati, bħal personalita`, żveltezza, intelliġenza, komportament personali, kortesija, sens komun u oħrajn meħtieġa minn

Kuntistabbli ta' Riżerva. Il-marka massima għal dan il-proċess tal-għazla hija 100%, u l-marka biex jgħaddi hija 50%.

8.2 Huma biss il-kandidati li jkunu għaddew b'suċċess mill-intervista tal-għażla li jipproċedu għall-eżami mediku.

**9. IT-TIELET PARTI - EŻAMI MEDIKU**

9.1 Isir eżami mediku li jinkludi t-test għad-droga lill-kandidati kollha li jgħaddu.

9.2 Il-kandidati li ma jgħaddux mil-eżami mediku jiġu skwalifikati u ma jitħallewx jattendu ghall-kors ta' taħriġ.

**10. IR-RABA' PARTI - TAĦRIĠ**

10.1 Il-kandidati jattendu għall-kors ta' taħriġ skond l-ordni finali tal-mertu wara l-intervista tal-għazla.

10.2 Il-kandidati jridu jattendu kors qasir fl-Akkademja tall-Forzi Dixxiplinati u jgħaddu b'suċċess l-eżamijiet u valutazzjonijiet KOLLHA qabel ma jinħatru bħala Kuntistabbli ta' Riserva.

**Sottomissjoni tal-Applikazzjoni**

11.1 L-applikazzjonijiet għandhom jiġu sottomessi, għall-attenzjoni tat-Taqsima Riżorsi Umani (Dipartiment tal-Pulizija), Ministeru għall-Intern, is-Sigurta`, u x-Xogħol , permezz tal-Portal ta' Reklutaġġ tal-Gvern onlajn **biss** f'dan l-indirizz: https://recruitment.gov.mt. L-applikazzjonijiet għandhom jinkludu Curriculum Vitae kompletament aġġornat (li għandu jinkludi lista tal-kwalifiki tal-applikant u l-employment history). Id-data tal-għeluq tal-applikazzjonijiet hija l-5.15 **pm (Ħin Ċentrali Ewropew) ta' nhar it-Tlieta, 6 ta' Jannar, 2026**. Ittra elettronika ġġenerata mill-kompjuter tintbagħat bħala rċevuta tal-applikazzjoni. Aktar dettalji dwar is-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet jinsabu fid-dispożizzjonijiet ġenerali msemmija hawn isfel.

11.2 Hija r-responsabbiltà tal-applikanti li ma jħallux sal-aħħar mument biex jissottemettu l-applikazzjoni tagħhom.

11.3 Applikazzjonijiet li jaslu wara d-data u l-ħin tal-għeluq (i.e. applikazzjonijiet tard) ma jiġux aċċettati.

11.4 Applikanti jingħataw sa jumejn xogħol wara d-data u l-ħin tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, biex jissottomettu dokumenti mhux korretti jew mhux mimlija kif suppost jew nieqsa.

11.5 L-applikanti ikunu mitluba biex jattendu fl-Uffiċċju tar-Riżorsi Umani, Dipartiment tal-Pulizija, sabiex jiġu fotografati u jimlew formola addizzjonali, bħala parti mill-applikazzjoni. Din il-formola trid timtela' fil-preżenza ta' uffiċjal ikarigat mit-Taqsima tar-Riżorsi Umani u/jew uffiċjal inkarigat mill-Kummissarju tal-Pulizija. L-applikanti jkunu mitluba li jġibu żewġ (2) ritratti tal-passaport.

**Dispożizzjonijiet Ġenerali Oħra**

**12. Dispożizzjonijiet ġenerali oħra dwar din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, b'referenza partikolari għall-:**

- benefiċċji applikabbli, kundizzjonijiet u regoli/regolamenti;
- applikazzjonijiet laterali;
- bdil raġonevoli għall-persuni rreġistrati b'diżabilità;
- sottomissjoni ta' dikjarazzjoni ta' rikonoxximent dwar il-kwalifiki;
- kwalifiki f'livell ogħla;
- livell komparattiv tal-impjegati tas-settur pubbliku;
- rinunzji ta' applikazzjonijiet pendenti;
- pubblikazzjoni tar-riżultat;
- eżami mediku;
- proċess sabiex tiġi sottomessa petizzjoni dwar ir-riżultat;
- aċċess għall-formola tal-applikazzjoni u dettalji relatati;
- żamma ta' dokumenti;

jistgħu jiġu aċċessati fl-indirizz https://publicservices.gov.mt/en/people/Documents/Recruitment_GenProvs/General%20Provisions_MT.pdf jew jinkisbu mit-Taqsima Riżorsi Umani (Dipartiment tal-Pulizija). Dawn id-dispożizzjonijiet ġenerali għandhom jiġu meqjusa bħala parti integrali minn din is-sejħa għall-applikazzjonijiet.

Is-sit elettroniku, u l-indirizz elettroniku tad-Dipartiment huma http://pulizija.gov.mt u hr.police@gov.mt.